# DUN PIETRU PAWL GRIMA

"Imut żagħżugħ min is-sema jħobbu," qal wieħed poëta grieg taż-żmenijiet il-qodma. Dawn il-kelmiet nistgħu ntennuhom aħna wkoll u nħożżuhom ma' isem Dun Pietru Pawl Grima, li miet għal għarrieda nhar it-13 ta' Mejju, tas-Sliema. Żagħżugħ fl-aħjar tiegħu, is-Sema ħabbu u għalhekk riedu għalih. Fil-ħajja qasira tiegħu ħadem xogħol ta' ħajja twila. Fil-knisja ta' Stella Maris, fl-Oratorju tas-Salesjani, fid-dar u fit-triq, bi nhar u bil-lejl, Dun Piet kien dejjem sejjer bla serħan ta' xejn, issa jgħallem, issa jqarar, issa jippritka, dejjem bid-daħka f'fommu, ħabib tat-tfal, tal-kbar, ta' kulħadd.

Fil-għerf kien wieħed minn ta' quddiem. Tgħallem fil-Kulleġġ tal-Ġeżwiti, Birkirkara, is-Seminarju ta' Malta, is-Seminarju ta' Għawdex u l-Università Gregorjana ta' Ruma. Ħâ l-lawrja tat-Teöloġija u tad-*Diritto Canonico* (Liġijiet tal-Knisja). Fuq kollox kien għal qalbu l-istudju tal-Iskrittura, u fit-tagħlim tagħha kien wieħed minn ftit. Kien Professur is-Seminarju u Eżaminatur tal-Filosofija u tat-Teoloġija. Qatt ma ried jogħla, għalkemm kien jixraqlu, ried jibqa' dejjem *Dun Piet* biex aktar ikun ħieles fix-xogħol tiegħu.

Dun Piet kien wieħed mill-aħjar kittieba tal-Malti u ismu jibqa' dejjem jissemma għat-traduzjonijiet tal-Kotba Mqaddsa. Qaleb bil-Malti t-*Testment il-Ġdid* kollu, u ħafna kotba mit-*Testment il-Qadim*, jiġifieri : *Il-Biki tal-Profeta Ġeremija* (1926); *Il-Ktieb ta' Ester* (1928); *Il-Kotba ta' Ġuditta u tal-Profeta Ġona* (1928); *Il-Ktieb tal-Imħallfin* (1929); *Il-Ktieb tal-Profeta Danjel* (1929); *Il-Kotba ta' Eżdra u ta' Nehemija* (1932). Barra minn dawn qegħdin biex joħorġu : *Il-Ktieb tal-Profeta Ġeremija*, u *Il-Ktieb tat-tnax il-Profeta ż-Żgħar*.

Kiteb ukoll ħafna kotba oħra ta' tagħlim: *Il-Ħajja ta' Sidna Ġesù Kristu; Il-Ġrajja tal-Għaqda l-Qadima mqabblin mal-għerf tal-lum; Il-Vanġeli tal-Ħdud u tal-Btajjel; Il-Ħajja tal-B. Ġ. Bosco*, u oħrajn, barra minn ħafna poeżiji u bċejjeċ żgħar imxerrdin f'kull qari Malti. Il-Malti tagħna bosta drabi laqa' l-kitba tiegħu.

# AĦBARIJIET TA' KOTBA

## KRITKA

Ġużè Bonnici B. Sc., M.D. "*It-Trobbija tat-Tfal*" bi prefazjoni tal-Prof. Ġużè Ellul, B. Sc. M.D. 36 p. Tip. Lux, Malta, 1932.

Lill-ħabib tagħna, it-tabib Ġużè Bonnici, xtaqna kieku ma nsibu x'ngħidulu xejn fuq il-ktieb li semmejna hawn fuq; ktieb li, għat-tagħlim li fih, jiswa aktar minn mitqlu deheb. Iżda la darba tbiegħed minn dawk ir-regoli ta' l-ortografija maltija li hi biss tista' tagħmel ktieb malti letterarjament tajjeb u sabiħ, aħna li għandna l-ewwel Rivista letterarja maltija, ma nistgħux ma ngħidulux illi fil-waqt li hu weġġeh ħafna lix-xjenza li fuqha kiteb, għamel għajb kbir lill-kitba maltija li biha nqeda, biex fisser il-ħsebijiet u l-għerf tiegħu fuq suġġett ta' l-akbar impurtanza għal kulħadd, imma l-iżjed għal l-ommijiet maltin. U dan il-għajb li l-ħabib tagħna Ġużè Bonnici għamel lil l-ilsien malti u lill-letteratura maltija, jidher iżjed kbir, għaliex hu sa ftit ilu kien, mal-ħabib l-ieħor tagħna Ružar Briffa—il-lum tabib hu wkoll—editur ta' *Leħen il-Malti*, maħruġ minn studenti ta' l-Università bl-alfabett u bl-ortografija tal-"Għaqda".

Iżda hemm ħaġa li tfarraġna bosta, u din hi il-wegħda illi dan il-kittieb għamlilna illi, jekk il-quddiem ikollu jerġa' joħroġ dan il-ktieb, jew joħroġ xi ktieb ieħor bħalu, jinkiteb fuq it-tagħlim tal-Għaqda.

**Cato.**

* * *

C.F. *Il-Ħajja fil-kosor ta' S. Ghirgor il-Cbir, Papa u duttur tal-Cnisja. 16 p.* Empire Press.

Ġiet f'idejna kopja ta' dan il-ktejjeb, maħruġ mill-*Empire Press*, bl-isem ta' min kitbu moħbi taħt l-ittri C.F. li aħna nafu li jfissru Dun Carm. Farrugia.

Dak li l-iżjed imiss lilna ma hiex il-ħajja ta' dan il-Papa kbir tassew, anqas il-ġrajja li minnhom għadda dan il-qaddis, iżda l-libsa letterarja li biha l-awtur libbes il-ħsebijiet tiegħu u l-għamil ta' dan il-Papa.